# 137 Għinna nxandru bil-qlubija
## (Atti 4:29)

1. Meta nxandru dwar is-Saltna,
Waqt li nfaħħru ’l ismek kbir,
Spiss insibu ’l min jopponi
U jkellimna bi tmaqdir.
Min-nies nibżgħu m’għandna qatt,
Imma nobduk u nagħmlu l-qalb.
Nitolbuk tagħtina l-ispirtu;
O Jah, isma’ tagħna it-talb.

(*KOR*)

*Għinna nxandru bil-qlubija;*
*Għinna negħlbu il-beżgħat.*
*U l-kuraġġ għinna ħa nrabbu*
*Ħalli nxandru lil kulħadd.*
*Armageddon toqrob kuljum,*
*Imma sa ma jasal dal-jum*
*Għinna nxandru bil-qlubija.*
*Dan nitolbuk.*

2. Mit-trab taf li inti ħlaqtna;
Ġieli nkunu beżgħanin:
Inti twiegħed l-appoġġ tiegħek.
Minnek dejjem megħjunin.
Isma’ it-theddid ta’ dawk
Li ’l-poplu tiegħek jobogħduh.
Għinna bil-qlubija inkomplu
’L ismek tant glorjuż inxandruh.

(*Kor*)

(Ara wkoll l-1 Tess. 2:2; Ebr. 10:35.)

*snylpnw*-MT No. 137 9/14
© 2014 Watch Tower Bible and Tract Society of Pennsylvania